

32005D0033

20.1.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 16/59

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 1-14 ta' Jannar 2005

**li temenda d-Deċiżjoni 2001/556/KE dwar l-inklużjoni ta' stabbilimenti fl-Indja fil-listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

(notifikata bid-dokument numru C(2004) 4543)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/33/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet biex isiru, għall-perjodu proviżorju, listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti li jorġinaw mill-annimali, prodotti tal-ħut jew molluski bivalvi ħajjin (¹), u b'mod partikolari Artikolu 2(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/556/KE tal-11 ta' Lulju 2001 li tispeċifika listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw importazzjoni ta' ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem (²) tistipula listi proviżorji ta' stabbilimenti fpajjiži terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem.
- (2) L-Indja pprovdiet lista ta' stabbilimenti li jipproduċu l-ġelatina maħsuba għall-konsum mill-bniedem li għalihom l-awtoritajiet responsablli jiċċertifikaw li l-istabbilimenti huma konformi mar-regoli tal-Komunità.
- (3) Għalhekk, dawn l-istabbilimenti għandhom jinkludu fil-listi stipulati fid-Deċiżjoni 2001/556/KE.
- (4) Billi spezzjonijiet fuq il-post tal-istabbilimenti kkonċernati għadhom ma sarux, importazzjoni minnhom m'għandhiex tkun eliġibbli għal kontrolli fiż-żejji mnaqqsa skont id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997

li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifikasi veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi (³).

(5) Id-Deċiżjoni 2001/556/KE għandha għalhekk tkun emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha tal-Annimali,

### ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

l-Anness tad-Deċiżjoni 2001/556/KE hu emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-23 ta' Jannar 2005..

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussell, 14 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 243, 11.10.1995, p. 17. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33).

(²) ĠU L 200, 25.7.2001, p. 23. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mill-Att tal-Adeżjoni 2003.

(³) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

## ANNESS

It-test li ġej huwa mdaħħal fl-Anness skont l-ordni alfabetika tal-kodiċi ISO:

“País: India/Země: Indie/Land: Indien/Land: Indien/Riik: India/Xópo: Ivđia/Pajjiż: India/Pays: Indie/Paese: India/Valsts: Indija/Šalis: Indija/Ország: Indja/Pajjiż: Indja/Land: Indië/Państwo: Indie/País: Índia/Krajina: India/Država: Indija/Maa: Intia/Land: Indien

1	2	3	4
CAPEXIL/WR/PLANT REGN./O&G/2001-2002/01	M/s. Narmada Gelatines Ltd.	Jabalpur	Madhya Pradesh
CAPEXIL/SR/PLANT REGN./O&G/2002-03/01	M/s. Kerala Chemicals & Proteins Ltd., Gelatine Division	Kochi	Kerala
CAPEXIL/WR/PLANT REGN./O&G/2002-03/02	M/s. Sterling Gelatine	Village Karakhadi	Gujarat
CAPEXIL/WR/PLANT REGN./O&G/2002-03/03	M/s. Raymon Patel Gelatine Pvt. Ltd.	Vasad	Gujarat”